MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1198/2004

**GasanMamo Insurance Limited – C-3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Aaron Grech u l–istess Aaron Grech**

**vs**

**Jacqueline Farrugia ID No. 296771M**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Gunju, 2004 fejn intqal:**

**Illi l-konvenuta hija debitrici tal-atturi fis-somma ta' mitejn u wiehed u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm291.22) u dana in kwantu ghas-somma ta' mija u wiehed u disghin lira u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm191.22) lis-socjeta` attrici assikurattrici**

**u in kwantu ghas-somma ta' mitt lira (Lm100) lill-attur Aaron Grech rappresentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru BLU-015 fid-9 ta' Jannar, 2004 gewwa l-Fgura habtet mal-vettura numru BBM-046 propjeta` tal-attur Aaron Grech u misjuqa minn Mirka Grech u kkagunat danni f'din l-istess vettura.**
**Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u tal-ittra ufficjali datata 12 ta' April, 2004, kontra l-konvenuta u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenuta mid-data tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April, 2004 li hija ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-30 ta' Awissu, 2004, fejn intqal li t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici, stante illi l-incident "de quo" sehh minghajr ebda htija da parti ta' l-istess konvenuta, izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Mirka-Elisa Grech illi kienet qed issuq il-vettura assikurata mas-socjeta` attrici fil-hin ta' l-incident de quo, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1257 Konrad Ellul, Mirka Farrugia, Salvina Farrugia u Jacqueline Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fid-9 ta' Jannar, 2004, fi Triq is-Sur, Fgura, bejn il-vettura BBM-046 misjuqa minn Mirka Elisa Grech u l-vettura BLU-015 misjuqa minn Jacqueline Farrugia.**

**2. Skond ma ntqal fir-road accident report, l-attrici kienet parkeggjata go *parking bay* fi triq is-Sur fuq in-naha tax-xellug, u kellha l-indicator mixghul biex tohrog. Il-vettura ta' quddiema irriversjat ghall-fuqha. Il-konvenuta fir-road accident report tammetti li regget lura, pero` tghid li kienet l-attrici li dahlet fiha.**

**3. L-attrici fid-deposizzjoni taghha xehdet li meta xeghelet l-indicator harset warajha, giet karozza biex tiehu l-post taghha u xeghelt il-*hazard lights* biex tidhol flokha. Skond l-attrici din il-vettura nxtehtet mal-karozza ta' quddiema fin-nofs tat-triq. Meta regget gejt biex tohrog, l-attrici regget harset warajha u ma kien gej xejn, filwaqt li mill-faccata kienet gejja il-konvenuta, li ghaddiet, u l-attrici bdiet hierga. Il-konvenuta bdiet tirriversja, u skond l-attrici din wara qaltilha li kienet hadet zball fit-triq u riedet tirriversja biex tohrog minnha.**

**4. L-attrici kellha hsara fil-mudguard ta' quddiem in-naha tal-lemin. Il-konvenuta ma kelliex hsara.**

**5. Il-konvenuta xehdet li kienet niezla l-isfel, meta ta' quddiema waqaf, u ghamlilha sinjal b'idejh biex tersaq lura, u kif imxiet lura giet karozza mid-direzzjoni opposta u habtet mieghi. Il-konvenuta tghid: "Biex nregga' lura jiena kont qed inhares fil-mera, lilha ma rajtiex."**

**6. Il-partijiet qablu mal-iskizz esebit.**

**7. Jekk wiehed jezamina il-fatti ta' kif sehh l-incident, jirrizulta li l-attrici kienet gja harget mill-*parking bay* meta gara l-incident. Jirrizulta li l-attrici kienet angolata u piuttost vicin ghall-"crown of the road". It-Tribunal pero` ma jqies ebda wiehed minn dawn il-fatturi bhala li kien il-kawza prossima tal-incident li sehh. Il-konvenuta li kienet gejja minn faccata kienet gja ghaddiet lill-attrici. Jidher li l-konvenuta, ghal xi raguni regget lura. F'dan il-kuntest jaghmel sens dak li qed tallega l-attrici li l-konvenuta qaltilha li regget lura ghax hadet triq b'ohra. Meta regget lura huwa evidenti li l-konvenuta ma zammitx *proper look-out* ghal dak li kien hemm warajha, u sehhet il-kollizzjoni. Ghalhekk ghall-incident imsemmi ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli il-konvenuta.**

**8. Dwar d-danni skond verbal tat-28 ta' Ottubru, 2004, ma hemmx kontestazzjoni dwarhom.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh jikkundannha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u wiehed u disghin lira Maltija u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm191.22) u lill-attur is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-12 ta' April, 2004.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u tal-ittra ufficjali datata 12 ta' April, 2004, kontra l-konvenuta u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------